



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 11 ta' Mejju 2012 (14.05)
(OR. en)**

9868/12

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0104 (NLE)**

**EEE 54
TRANS 150**

PROPOSTA

minn:	Kummissjoni Ewropea
data:	10 ta' Mejju 2012
Nru dok. Cion:	COM(2012) 210 final
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XIII (Trasport) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża proposta mill-Kummissjoni mibgħuta ma' ittra ta' tifsir mingħand is-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur, lis-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Mehmuż: COM(2012) 210 final



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.5.2012
COM(2012) 210 final

2012/0104 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt taż-
ŻEE dwar emenda għall-Anness XIII (Trasport) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità li huma meħtiġin fis-suq intern, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jintegra l-leġiżlazzjoni kollha rilevanti tal-Unjoni Ewropea fil-Ftehim dwar iż-ŻEE mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni tagħha.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (anness mal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill) għandu l-għan li jemenda l-Anness XIII (Trasport) billi jżid l-acquis l-għdid tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Dan jikkonċerna d-Direttiva 2006/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila [*sic*] għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, li għandha tiġi integrata fil-Ftehim.

Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' dan l-att, qed jiġu proposti l-adattamenti li ġejjin fir-rigward tan-Norveġja:

1. Għall-arranġamenti eżistenti għall-ħlas għall-użu tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew fix-Xlokk tan-Norveġja, l-għoti ta' skontijiet jew ta' rati mnaqqsin għal min juża daww it-toroq spiss jinġieb konformi mal-Artikolu 7(4)(b) ta' din id-Direttiva sa mhux atar tard mill-31 ta' Diċembru 2014;
2. L-iskontijiet li qed jingħataw bħalissa bħala parti mill-arranġamenti eżistenti għall-ħlas għall-użu tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew barra mix-Xlokk tan-Norveġja jistgħu jinżammu dment li l-proporzjon tat-traffiku internazzjonali ta' vetturi kbar tal-merkanzija fin-netwerk infrastrutturali inkwistjoni ma jkunx jaqbeż it-30%;
3. Fil-każ tal-arranġamenti ġodda li se jiddaħħlu 'l quddiem għall-ħlas għall-użu tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew fix-Xlokk tan-Norveġja, l-iskontijiet jew ir-rati mnaqqsin għal min juża daww it-toroq spiss jistgħu jaqbeżu l-livell stabbilit fl-Artikolu 7(4)(b) ta' din id-Direttiva dment li:
 - il-proporzjon tat-traffiku internazzjonali ta' vetturi kbar tal-merkanzija fin-netwerk infrastrutturali inkwistjoni ma jkunx jaqbeż il-5%,
 - il-livell ta' tali skontijiet jew rati mnaqqsin ikun iġġustifikat minn ċirkustanzi speċifiċi, partikularment meta n-netwerk infrastrutturali inkwistjoni jkun jikkonsisti minn pontijiet u/jew mini li jieħdu post it-trasport bil-vapuretti.

3. L-ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

L-Artikolu 1(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jipprova li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li

għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għal tali Deċiżjonijiet, wara li ssir proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tissottometti l-Abbozz tad-Deċiżjoni tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE lill-Kunsill biex dan jadottah bħala l-pożizzjoni tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tittama li tkun tista' tippreżentah fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE mill-aktar fis possibbli.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar emenda għall-Anness XIII (Trasport) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), flimkien mal-Artikolu 218 (9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim dwar iż-ŻEE") fih dispożizzjonijiet u arranġamenti speċifiċi rigward it-trasport.
- (2) Id-Direttiva 2006/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi², għandha tiġi integrata fil-Ftehim,
- (3) Huwa xieraq li fil-Ftehim tiddaħħal dispożizzjoni li tippermetti li l-arranġamenti għall-ħlas għall-użu tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew fin-Norveġja jkunu jistgħu jiġu adattati,
- (4) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta għall-Anness XIII ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6 (mhux disponibbli bil-Malti).

² ĠU L 157, 9.6.2006, p. 8.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

Abbozz (12.03.2012)

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru

ta'

li temenda l-Anness XIII (Trasport) ta' mal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII ta' mal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru.../... ta'...³.
- (2) Id-Direttiva 2006/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi⁴, għandha tiġi integrata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt 18a (Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII ta' mal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied l-inċiż li ġej:

‘- **32006 L 0038:** Id-Direttiva 2006/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 8).’

2. It-test tal-adattament jiġi emendat kif ġej:

(i) It-testi tal-adattamenti (d) u (e) jitħassru.

(ii) L-adattament (f) jiġi nnumerat mill-ġdid bħala adattament (e).

(iii) L-adattament li ġej jiżdied wara l-adattament il-ġdid (e):

‘(d) Dan li ġej jiżdied fi tmiem l-Artikolu 7(4)(b):

³ ĠU L ...

⁴ OJ L 157, 9.6.2006, p. 8.

- “(a) Fil-każ tal-arranġamenti eżistenti għall-ħlas għall-użu tat-toroq fin-netwerk trans-Ewropew fix-Xlokk tan-Norveġja li jkunu diġà fis-seħħ fid-data meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx/2012, l-għoti ta’ skontijiet jew ta’ rati mnaqqsin għal min juża dawk it-toroq spiss jinġieb konformi mal-Artikolu 7(4)(b) ta’ din id-Direttiva sa mhux atar tard mill-31 ta’ Diċembru 2014.
- (b) Fin-netwerk trans-Ewropew tat-toroq fi nħawi oħrajn tan-Norveġja, l-iskontijiet u r-rati mnaqqsin li qed jingħataw bħalissa lil min juża dawk it-toroq spiss jistgħu jinżammu fil-każ ta’ arranġamenti għall-ħlas għall-użu tat-toroq li jkunu diġà fis-seħħ fid-data meta tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx/2012, dment li l-proporzjon tat-traffiku ta’ vetturi kbar tal-merkanzija fin-netwerk infrastrutturali inkwistjoni ma jkunx jaqbeż it-30%.

Fil-każ tal-arranġamenti ġodda għall-ħlas għall-użu tat-toroq li jiddaħħlu wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru xx/2012, l-għoti ta’ skontijiet jew ta’ rati mnaqqsin għal min juża dawk it-toroq spiss jista’ jaqbeż il-livell stabbilit fl-Artikolu 7(4)(b) ta’ din id-Direttiva dment li:

- il-proporzjon tat-traffiku internazzjonali ta’ vetturi kbar tal-merkanzija fin-netwerk infrastrutturali inkwistjoni ma jkunx jaqbeż il-5%,
- il-livell ta’ tali skontijiet jew rati mnaqqsin ikun iġġustifikat minn ċirkustanzi speċifiċi, partikularment meta n-netwerk infrastrutturali inkwistjoni jkun jikkonsisti minn pontijiet u/jew mini li jieħdu post it-trasport bil-vapuretti.”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2006/38/KE bil-lingwa Islandiża u b’dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ ma’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ nhar , dment li jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim* .

* [Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE